KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 22**

**It-Tlieta, 11 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 22.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**22.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg infurmana li se jidħol għall-ħabta tas-19:00. Il-Kunsill ħa deċiżjoni li jistenna sas-19:00. Il-Kunsillier Johann Borg daħal fis-seduta fis-19:15.

**22.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit ma bagħtet tinforma xejn uffiċjalment għas-seduta tal-lum. Ġie maqbul li tkun imniżżla bħala assenti minn dawk preżenti.

## 22.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 21)

**22.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 21.

**22.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 21 ġew approvati unanimament.

## 22.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**22.03.01** *Branded panel – Kunsill Lokali Birżebbuġa*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li meta jkun hemm xi attività tal-Kunsill is-Sindku Scott Camilleri ħareġ b'suġġeriment li għandu jkun hemm panel li juri li l-attività hija mtellgħa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Inġabru 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €649. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**22.03.02** *Christmas street lighting*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal żewġ żoni ta' tiżjin ta' dawl dekorattiv u tiżjin tal-Milied fi Triq Żaren Dalli, kif ukoll fairy lights mal-palm fil-Bajja s-Sabiħa. L-orħos kwotazzjoni għad-dawl dekorattiv ta' Triq Żaren Dalli hija dik A, li tammonta għal €4,427.36, filwaqt li l-orħos kwotazzjoni għall-fairy lights tal-Bajja s-Sabiħa hija dik B, li tammonta għal €2,324.60 Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-kwotazzjonijiet.

**22.03.03** *Riċeviment annwali*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li bħal kull sena jsir ir-riċeviment annwali u għalhekk inġabru 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €8.90 kull persuna. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**22.03.04** *Uniformijiet tal-iskrivani*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw xi items mill-uniformi tax-xitwa għall-ħaddiema klerikali. Il-kwotazzjoni miġbura hija mingħand l-istess supplier li diġà nxtraw l-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali sabiex tibqa' pariġġ ma' ta' kulħadd. Din tammonta għal €1,123.84. Inġabret ukoll kwotazzjoni separata mill-istess supplier għal uniformi sħiħa tax-xitwa għall-impjegata l-ġdida. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €342.26. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**22.03.05** *Espressjoni ta' Interess - presepju life size*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fis-seduta preċedenti kien ġie approvat il-presepju life size, għalhekk inħarġet espressjoni t'interess u applikant wieħed biss issottometta l-applikazzjoni. Irrimarka wkoll li din is-sejħa damet miftuħa għal ħmistax-il ġurnata. Din l-ispiża se tammonta għal €10,000. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni artistika.

**22.03.06** *Tilqima tal-influwenza*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna korrispondenza sabiex tingħata t-tilqima tal-influwenza, li se tkun mifruxa fuq jumejn, u għalhekk inġiebet stima tal-ispejjeż kollha relatati (tabiba, ħlas overtime lill-ħaddiema u supplies għal dakinhar). Din l-ispiża tammonta għal €1,248. Semma wkoll li hemm spiża apparti għal dawk li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar. Din tammonta għal €25 għal kull dar. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**22.03.07** *Xogħlijiet fil-Qajjenza SPI/SCI/4/24*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li huwa flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu mal-foreman tal-kuntrattur rigward ix-xogħlijiet fil-Qajjenza, li ġew approvati fl-aħħar seduta. Mill-ispezzjoni li saret fuq il-post ġie konkluż li l-BOQ trid tiġi riveduta billi hemm xi affarijiet li jridu jiżdiedu bħal pavimentar ġdid, planters fl-art għas-siġar, u titjib fis-sistema tal-ilma tax-xita. L-ispiża l-ġdida se tammonta għal €104,784. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa kif se jkun qed isir il-paviment il-ġdid tal-promenade. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dan se jkun qed isir bil-concrete print. Il-Kunsillier Karel Zahra ma qabilx li jsir hekk minħabba l-fatt li jekk ikun hemm bżonn tinfetaħ xi parti minnu minħabba xi ħsarat, jew manutenzjoni oħra, ma tiġix taqbel ma' dik li hemm diġà. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb lura li jista' jsir exposed agrigate imma jiġi ferm ogħla. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li jekk nerġgħu nagħmlu paving blocks dawn jerġgħu jitmermru peress li ħdejn il-baħar. Nistgħu mmorru għal materjal ieħor bħal porfido imma l-prezz se jogħla ħafna. Wara diskussjoni libera ġie maqbul li l-Kunsill jidħol għal din l-ispiża ta' dan il-proġett bil-fondi jkunu minn tal-Kunsill u mill-iskema SPI/SCI/04/2024.

**22.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**22.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar lill-Kunsillier Alex Caruana u l-Kunsillier Ivan Abela Grech dwar il-master plan tal-Bajja s-Sabiħa. Huma diġà għamlu kuntatt mal-uffiċjal konċernat sabiex jibda l-proċess.

**22.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-jiem li ġejjin Triq Birżebbuġa se tingħata t-tarmak. Huwa semma li l-monti se jiċċaqlaq għal Triq Żaren Dalli minn nofs il-ġimgħa d-dieħla. Fil-15 ta' Jannar il-monti jirritorna lura fil-pjazza. Dan minħabba li fil-ġranet li ġejjin il-pjazza se tkun qed tintrama bl-armar tal-Milied u ma jkunx hemm spazju għall-vetturi tal-bejjiegħa tal-monti.

**22.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu mal-kuntrattur rigward ix-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa, li miexi kif suppost. Semma wkoll li saret talba rigward il-bażi tal-concrete sabiex tingħata sodda tal-konkos bix-xibka ħalli tiġi soda u ma terġax taqa'. Huwa previst li x-xogħlijiet jieqfu fil-15 ta' Diċembru u jitkomplew fil-5 ta' Jannar.

**22.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq Tal-Ġebel u Triq ir-Raddiena tlestew ix-xogħlijiet u daħlet fis-seħħ is-sistema tal-one-way fi Triq ir-Raddiena. Rigward l-estensjoni ta' Triq ir-Raddiena, il-Kunsill ġab il-permessi kollha meħtieġa u dawn intbagħtu lill-awtoritajiet. Semma wkoll li IM qed tinsisti li trid titneħħa parti mill-ħarruba li hemm u għalhekk applikat mal-ERA għall-permessi, iżda dawn s'issa għadhom ma tawniex rispons. Is-Sindku Scott Camilleri għamel kuntatt mal-Perit Demarco sabiex dawn ifittxu jagħmlu x-xogħlijiet.

**22.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa fis-sala tal-Kunsill għaddej ix-xogħol relatat mas-servizz.gov.

**22.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna sound report ġdid min-naħa tal-Freeport u għalhekk hemm bżonn li ssir laqgħa mal-Perit Cacopardo sabiex dan jiġi diskuss qabel il-laqgħa tal-EMC, li hija skedata fl-24 ta' Novembru. Ġie stabbilit li d-data tal-laqgħa mal-Perit Cacopardo ssir online nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru fit-08:00.

**22.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li t-team building annwali bejn il-kunsilliera u l-impjegati kollha ta' din is-sena se jsir nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, f'12:00.

**22.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fil-laqgħa preċedenti kien issemma li trid tiċċaqlaq il-magna tal-BCRS minħabba tal-linja. Dawn semmew li hemm spiża ta' madwar €1,500 biex din il-magna tiċċaqlaq għal post ieħor, għalhekk is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li din l-ispiża titħallas minn TM billi huma talbu li din il-magna tiċċaqlaq minħabba l-venda. Ġie deċiż li ż-żewġ entitajiet imsemmija għandhom jikkordinaw bejniethom. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu.

## 22.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**22.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-kantuniera bejn Triq Tal-Ġebel u Triq ir-Raddiena. Huwa semma li fl-aħħar ġimgħat ġiet immarkata one-way l-aħħar parti ta' Triq Tal-Ġebel, kif ilha pjanata. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jiċċara jekk għadux hemm il-pjan li jsir xi xogħol biex din il-kantuniera tiġi mħeġġa u mnaddfa. Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa hemm għaddejja korrispondenza ma' IM u li waqt il-komunikazzjoni tiegħu ta l-aħħar informazzjoni.

## 22.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**22.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Ottubru 2025. Il-Kunsillier Karel Zahra qajjem punt dwar il-mod ta' kif qed jinħarġu t-tenders, u esprima li mhux kuntent b'ebda tender li ħareġ s'issa, għajr wieħed. Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat weġbuh li t-tenders dejjem qed jinħarġu kif suppost, bl-għajnuna ta' professjonisti f'dan il-qasam, u skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Tkellmu wkoll dwar l-isfida ewlenija li l-Kunsill Lokali ltaqa' magħha, li kienet it-tender marbut mal-car park tal-Freeport, li ma kienx proċess faċli u kien mimli sfidi. Madankollu sar l-isforz kollu meħtieġ sabiex meta t-tender inħareġ mill-ġdid it-tieni darba, dan jirrifletti bl-aħjar mod il-bżonnijiet kemm tal-car park tal-Freeport, tal-Kunsill Lokali, kif ukoll tar-residenti u l-pubbliku inġenerali. Minkejja dan, kien hemm biss kuntrattur wieħed li ssottometta offerta. Dan il-punt se jiġi diskuss iktar tard fis-seduta taħt l-aġenda item 22.10. Intqal ukoll li jekk ikun hemm problemi ma' xi kuntrattur, dawn ma jkunux żbalji amministrattivi iżda jiddependu mill-operat tal-kuntrattur innifsu. Bħala Kunsill, l-għan tagħna jibqa' dak li dejjem nagħżlu l-aħjar offerta u l-aktar waħda vantaġġuża għall-Kunsill.

**22.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li qed isir proċess intern biex jinġabru stimi għal road markings, tabelli, u zebra crossing ġdida fi Triq San Ġorġ u ż-żona tagħha.

**22.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li nhar l-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, fis-19:30 se ssir il-laqgħa annwali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2026.

**22.07 Korrispondenza**

**22.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-kunsilliera ġew infurmati min-naħa tal-amministrazzjoni li d-data tal-appell tas-sanzjonar tal-eks restorant Country Style mxiet għal data oħra, li għadha mhix stabbilita.

**22.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Alex Caruana ħareġ komunikat rigward il-problema ta' Lido Flats fi Triq Alessandru sabiex jiġu installati bollards tal-plastik quddiem din il-blokka, liema talba ma ġietx milqugħa minn TM u għalhekk intalbet soluzzjoni alternattiva għal din il-problema. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega kif fil-passat quddiem din il-blokka kien hemm U-bar u li maż-żmien ma baqgħetx hemm u reġgħet inqalgħet wara li l-Kunsill kien waħħal oħra. Huwa semma li r-residenti ta' dik iż-żona avviċinawh u qalulu li se jżommu l-Kunsill u lilu personali responsabbli jekk iweġġa' xi ħadd. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li mill-korrispondenza mibgħuta mill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta s-Sur Kurt Farrugia, TM qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jgħolli l-bankina ta' quddiem l-entratura tal-binja 'Lido Flats' għal 15-il ċentimetru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din ma tistax issir għax meta mar fuq il-post u beda jara, innota li trid issir rampa ta' livell baxx maż-żewġ naħat peress li hemm garaxx kull naħa. Jekk isiru dawn ir rampi, peress li m'hemmx distanza biżżejjed, ma jiġux bl-angolu stabbilit mill-entità tas-CRPD. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li tintbagħat ittra uffiċjali lis-CRPD u lil TM ħa jiddeċiedu bejniethom.

**22.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex il-Kunsill jidentifika l-post eżatt tat-tabella fi Triq Alfons Maria Galea. Dwar din se tintbagħtilhom screenshot tal-post eżatt.

**22.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-Surġent Michael Zahra mis-CPT mhux se jkun qiegħed iservi iktar fil-komunità u minfloku issa se tinħatar is-Surġent Abigail Sciberras. Semma wkoll li minflok l-Ispettur Wayne Bonello issa nħatar l-Ispettur Antonello Magri. Huwa rringrazzjahom tas-servizz li taw lill-komunità. Il-kunsilliera kollha huma mistiedna għall-ewwel laqgħa mas-surġent il-ġdid.

**22.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma rċivejna korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar rigward l-iskema finanzjarja tal-Milied. F'din il-korrispondenza ġejna infurmati li hemm allokat fond ta' €2,000 sabiex isir tiżjin li jinkorpora fih toroq u ġonna pubbliċi, wirjiet ta' presepji, villaġġi tal-Milied u attivitajiet relatati, kompetizzjonijiet ta' wirjiet tal-presepji u faċċati tad-djar privati, kif ukoll tiżjin tal-Milied fuq binjiet pubbliċi bħal faċċati tal-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li minn dawn il-fondi jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tiżjin tat-toroq li ġew diskussi iktar qabel fil-laqgħa.

## 22.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**22.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjoni.

## 22.09 Estimi Finanzjarji 2026

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**22.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq l-abbozz tal-estimi finanzjarji għas-sena 2026, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar l-estimi finanzjarji 2026.

**22.09.02** Ma kien hemm ebda mistoqsija dwar l-estimi finanzjarji.

**22.09.03** Dawn l-estimi finanzjarji għas-sena 2026 ġew approvati unanimament.

## 22.10 Malta Freeport car park

**22.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-proċess tat-tender kien qed jiġi finalizzat iżda billi kien hemm applikazzjoni waħda minn kuntrattur wieħed, ġie deċiż li jerġa' jsir l-iċċekkjar sabiex ikun żgurat li kollox qed isir skont il-proċedura. Huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, il-Kunsillier Karel Zahra, il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit, u l-Avukat Dr Desiree Attard kellhom laqgħa mad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn ġew diskussi xi problemi sabiex dawn jiġu indirizzati. Id-dipartiment informaw lill-Kunsill li ma mxejniex mal-proċedura ta' kif tinħareġ il-konċessjoni. Għalhekk il-proċess li kien hemm għaddej twaqqaf u issa jrid jinbeda l-proċess il-ġdid. Dan irid isir billi mmorru għand id-Dipartiment tal-Kuntratti, isir il-business plan, ningħataw l-approvazzjoni, u wara toħroġ is-sejħa. Huwa informa li l-proċess issa se jitwal u se jieħu fit-tul. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li ssir laqgħa mal-ministeru responsabbli mill-Freeport sabiex jiġu ċċarati xi punti fuq proposta ta' operat aħjar minn dik attwali. Apparti minn dan, il-proċess tat-tender ħa jibqa' għaddej normali.

## 22.11 Milied 2025

*Hawnhekk ingħaqad il-Kunsillier Johann Borg.*

**22.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li saret laqgħa mal-organizzaturi ta' Milied fil-Pjazza fejn ġiet diskussa l-possibilità sabiex is-serata tas-Sibt, 29 ta' Novembru, tittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Dan minflok isir il-kunċert tal-Milied, li applikajna għalih fl-iskema SPI/SCI/04/2025 u li kellu jsir fit-13 ta' Diċembru, il-Kunsill ħaseb li huwa ta' benefiċċju li ssir attività waħda kbira b'kollaborazzjoni ma' għaqdiet lokali. Is-Sinjura Petrina Vella bagħtet korrispondenza f'isem it-tim ta' Milied fil-Pjazza li dawn se jkunu qed jilqgħu t-talba tagħna sabiex din is-serata ssir b'kollaborazzjoni. Il-Kunsill se jkun qed ikopri l-ispejjeż tad-dawl u s-sound u dawn il-kwotazzjonijiet se jkunu qed jgħaddu b'email lill-kunsilliera għall-approvazzjoni. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din il-bidla sabiex tiġi organizzata s-serata ta' Milied fil-Pjazza tas-Sibt, 29 ta' Novembru 2025, flimkien mal-parroċċa San Pietru fil-Ktajjen.

## 22.12 Attivitajiet u skemi

**22.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tagħti aġġornament dwar il-World Clean-Up Day. Il-Kunsilliera Maria Mifsud spjegat li din l-attività se tkun qed tittella' nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, fit-08:30 fi Triq it-Torri.

**22.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ssejħet laqgħa ma' rappreżentanti tas-Silver T. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa li l-Kunsill irċieva draft maħdum apposta għalina però ntalbet laqgħa sabiex dan jiġi diskuss iktar fid-dettall.

**22.12.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Alex Caruana u l-Kunsillier Karel Zahra ħadmu fuq l-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità. Spjega wkoll li għadna qed nistennew mingħand il-perit sabiex nibagħtu l-BOQ lid-dipartiment. Id-data tal-għeluq għal din l-iskema hija t-12 ta' Novembru. Is-Sindku Scott Camilleri se jagħmel kuntatt mal-perit.

**22.12.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mill-AKL fejn infurmawna li nfetħu applikazzjonijiet biex jinkisbu fondi għal inizjattivi relatati mal-mobbiltà attiva u sostenibbli. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li dawn il-fondi jintużaw fuq il-promenade tal-Qajjenza. Il-fond huwa ta' €100,000. Il-Kunsillier Karel Zahra se jikkonferma b'email jekk tistax tidħol parti mill-proġett tal-Qajjenza fih.

## 22.13 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**22.13.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**22.13.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 22.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**22.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |